# Santwarji Franċizi

10't ijiem mis-7 sas-16 ta' Lulju 2011

**7 ta' Lulju, il-Ħamis** Ninġabru l-ajruport ta' Malta fis-5.30 ta' filgħodu u nitilqu lejn Lyon mal-Air Malta, mat-titjira KM 454. Inkun noqgħodu fil-hotel IBIS fiċ-ċentru ta' Lyon. Noħorġu nżuru **l-postijiet l-aktar imsemmija** ta' din il-belt. City tour tal-belt u ngawdu l-belt u l-faċilitajiet li toffri.

**8 ta' Lulju** **Bil-coach inżuru Paray le Monial.** Minn hawn bdiet id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu' li ġiet imxerrda fis-seklu 17 minn Santa Maria Margerita Alacoque, mill-Kappella tal-Viżitazzjoni fejn kellha d-dehriet. Din il-belt qegħda fi Franza tal-Lvant, fid-distrett agrikolu ta' Bourgogne. Belt li ilha teżisti minn qabel il-medjuevu imma kibret fl-importanza meta fis-sena 973 il-patrijiet Benedittini waqqfu kunvent. Aktar tard il-belt waqgħet taħt l-influwenza tal-Protestanteżimu; bil-ħila tal-patrijiet Ġeżwiti fis-seklu 17 reġgħet lura lejn il-Kattoliċeżimu. Dan il-post imorru jżuruh kull sena madwar mitt elf pellegrin mid-dinja kollha.
**Inżuru Cluny** Hawn tinsab l-abbazija benedittina mwaqqfa fis-sena 910 li minnha xterdet mal-Ewropa kollha r-riforma tal-ħajja tal-patrijiet. Ir-re Guliermu l-Ewwel ta l-art kollha lil dan il-kunvent bla ma għamillu ebda obbligu ħlief li jitolbu għal ruħu. Kunvent li kellu rabtiet qawwija mal-Papa, il-patrijiet tiegħu tħabtu biex jgħix kemm jistgħu fuq ir-regola ta' San Benedittu speċjalment bil-Liturġija li kienu jiċċelebrawha b'kant meraviljuż. L-istorja tkompli sar-rivoluzzjoni Franċiża meta Cluny ingħalaq u l-kunvent tant għażiż ġie mkisser u meqrud.
**Lura lejn Lyon.**
**9 ta' Lulju** **ARS-sur-FORMANS** Qegħda xi 30 km nord ta' Lyon. Meta naslu niċċelebraw quddiesa u wara nżuru d-dar tal-qaddis Kurat ta' Ars, San Ġwann Maria Vianney fqjn tiġi spjegata lilna l-ħajja tiegħu. Fil-qrib ta' Ars hemm il-knisja ddedikata lil San Pietru Chanel, u r-riserva tal-għasafar. Lura lejn Lyon.

**10 ta' Lulju** **Nitilqu lejn LISIEUX. F'Lisieux inkunu noqgħodu fil-Hotel de la Place fil-pjazza prinċipali tal-belt. Waqt il-vjaġġ nieqfu Nevers.**
**NEVERS:** Fil-punent tal-Burgundja fejn jiltaqgħu ix-xmajjar Loire u Niievre – tinsab il-belt żgħira ta' Nevers (Bil-Latin Nivernum) magħrufa għall-porċellana ta' lewn blu u l-ħelu tal-qubbajt. Partijiet mill-belt għandhom mal-elf sena. Minn fuq il-pont tal-Loire tista' tara l-gawwi jogħdos u l-aħjar dehra tal-belt. Fis-sajf dil-belt torganizza diversi kunċerti muzikali fil-beraħ. Nisranija sa mill-5 seklu wara Kristu bl-ewwel isqof tagħha San Eladius. Fis-sekli ta' wara kellha numru kbir ta' qaddisin ħafna minnhom isqfijiet tal-post. F'dawn l-aħħar 3 sekli minn din il-belt u l-madwar, ħarġu għadd kbir ta' ordnijiet edukaturi taż-żgħażagħ kemm irġiel u kemm nisa responsabbli minn kulleġġi, sptarijiet, u skejjel tas-snajja. F'din il-belt fl-1866 waslet Bernardette Soubirous (li dehritilha l-Madonna f'Lourdes) għand dawn is-sorijiet tal-Karita' fejn damet tgħix 13-il sena. Ġisimha nstab għadu mhux imħassar fl-1905 u ġie mqiegħed f'urna għall-publiku sa mill-1925. Il-Kattidral u l-palazz dukali huma l-aktar monumenti magħrufa tal-post. Hemm ukoll ħafna knejjes ta' kull stil u żmien. Nibqgħu sejrin lejn Lisieux.
**Din hi belt fin-**Normandija mnejn tista' zzur postijiet sbieħ bħal Beuvron-en-Auge kif ukoll Harfleur.

**11 ta' Lulju** **LISIEUX.** Fi tmiem il-quddiesa fil-kattidral ta' San Pietru f'Lisieux f'Lulju 1887, Teresa kienet qed timmedita quddiem xbiha ta' Kristu msallab u qalet "Irrid bl-ispirtu tiegħi nieħu posti taħt is-salib. Dik l-għajta ta' Kristu "Għandi l-għatx" inħossha tidwi ġo qalbi." Is-sena ta' wara fl-eta' ta' 15-il sena daħlet soru mal-Karmelitani ta' Lisieux fejn mietet ta' 24 sena. Kitbet l-istorja ta' ħajjitha "Storja ta' Ruħ". Wara li saret qaddisa fl-1925, eluf ta' pellegrini bdew jiġu jzuru Lisieux u l-bazilika mibnija ghaliha bejn l-1929 u l-1937. Il-papa San Piju X, iddeskriviha bħal l-ikbar qaddisa ta' zminijietna.Lisieux hi belt zghira fin-Normandija, ċentru tajjeb mnejn tist' zzur postijiet bħal Beuvon-en-Auge (27km bogħod) kif

ukoll Honfleur (27km bogħod). Hi l-aktar imsemmija għal knisja kbira dddedikata lill-qaddisa Sta Teresa tal-Bambin Ġesu'.
**TOURS** hi l-ikbar belt fil-wied tax-xmara Loire; fiha 142,000 ruħ; bogħod xi siegħa u nofs vjaġġ minn Pariġi. Madwarha hu reġjun imsemmi għall-kastelli, mbejjed, u għal Franċiż mitkellem tajjeb. L-importanza reliġjuża ta' Tours, tistrieħ fuq il-figura ta' San Martin isqof ta' Tours mit-371 sat-297, li r-relikwiji tiegħu ħolqu post ieħor għall-pellegrinaġġi fil-medjuevu. Figura oħra importanti hu l-isqof Gregorju, li kien storiku tal-knisja fis-sitt seklu. Il-bazilika kbira medjoevali, ġiet imkissra kollha (ħlief għażż-zewġ kampnari) fir-rivoluzzjoni franċiża. Minflokha nbniet oħra li tiġbor fiha l-ftit fdalijiet li fadal li jfakkruna f'San Martin. Hemm ukoll il-kattidral ornat ta San Gatien bi twieqi sbieħ tal-ħġieg tas-seklu 13. Lura lejn Lisieux.

**12 ta' Lulju** **MONT Saint MICHEL** Wieħed mill-ewwel postijiet li kisbu l-għarfien ta' bini ta' wirt dinji hu l-monasteru u l-gżira ta' Mont Saint Michel li jinstabu bejn il-Brettanja u n-Normandija. Binja ta' diversi żminijiet li saret tul il-ħames sekli bejn il-11 u l-15-il seklu. Dan il-post hu post mill-aktar importanti ta' Pellegrinaġġi. Iżuruh kull sena aktar minn 3 miljun ruħ. Dan il-post igawdi mill-meravilja li qiegħed fuq gżira, li f'xi ħin tkun gżira u mbagħad meta jofrogħ il-baħar tkun tista' timxi jew issuq bil-karozza il-ftit kilometri li jifirduha mill-art. Lura lejn Lisieux.

**13 ta' Lulju** **Nitilqu lejn Pariġi. Meta naslu Pariġi mmorru nżuru RUE de BAC.**
Qegħda fis-7 Arrondissment ta' Pariġi. Triq mimlija bini storiku. Bdiet bħala mogħdija li twassal għal-lanċa li fuqha kien jinġarr il-ġebel għall-bini ta' palazzi fil-qrib. Inżuru d-djar 136-140 li huma l-kunvent tas-sorijiet tal-Karita' ta' San Vinċens de Paul u l-kappella tal-Midalja mirakoluża fejn hemm midfuna Sta Katerina Laboure li mietet fil31 ta' Diċ. 1876. Katerina Laboure' bdiet din id-devozzjoni wara li dehritilha l-Madonna ħafna drabi mill-1830. Katerina ħadmet għal 40 sena f'dar għax-xjuħ u ġiet ikkanonizzata fl-1947. Pariġi nkunu noqgħodu fil-hotel IBIS Berthier, Porte de Clichy.

**14 ta' Lulju** **Tour Parigi u mmorru Chartres. CHARTRES -** Il-Belt u l-Kattidral. Dan il-kattidral li bl-istatwi u t-twieqi tal-ħġieġ ikkulurit li hu ktieb ta' tagħlim tal-fidi tagħna. Fih 9 bibien mimlijin skultura u 2600 metru kwadru ta' twieqi tal-ħġieġ maħdumin fis-sekli 13 u 14. Fix-xbihat ta' dawn it-twieqi insibu t-teoloġija tal-Medjuevu. Mibni b'qima lejn Ġesu' u ommu Marija baqa' jiġbed sal-lum eluf ta' pellegrini mid-dinja kollha. Qiegħed fil-lista ta' bini ta' wirt dinji. Chartres qegħda biss siegħa bogħod minn Pariġi.
Bil-ferrovija żgħira nistgħu nżuru t-toroq dojoq u mserpa, naraw djar tal-injam, xtut tax-xmara u turġien tal-ġebel fil-parti antika tal-belt. Lura lejn il-hotel tagħna f'Pariġi.

**15 ta' Lulju** **Euro Disney Ġurnata fid-dinja tal-imgħoddi u tal-immaġinazzjoni.** Nieħdu gost f'dan il-post ta' divertiment magħruf mad-dinja kollha. Lura lejn il-hotel f'Pariġi.

**16 ta' Lulju** **Ġurnata libera għall-aħħar shopping.** Nitilqu mill-hotel fil-5 pm lejn l-ajruport ta' Orly mnejn bl-Air Malta mat-titjira KM477 naslu Malta fl-10.00 ta' filgħaxija.

**Il-PREZZ: Ewro 910 - jinkludi: Ajru mal-Air Malta / Taxxi tal-Ajruport / Transfers bil-coach sal-lukandi u lura / Akkomodazzjoni f'hotels tajbin fiċ-ċentru, fi kmamar ta' 2 bid-WC/Shower / Buffet Breakfast KULJUM / 9 IKLIET filgħaxija / Leader.**
**Ma jinkludix: L-ESKURSJONIJIET KOLLHA (diġa msemmija fil-programm),**
**li jiswew 190 ewro, dħul f'palazzi eċċ.**
**Ibbukkja bi ħlas ta' ċekk-depożitu ta' 300 ewro.**

**MIN IRID kamra għalih waħdu jħallas 205 Ewro iżjed.**

**MIN IRID nistgħu noffrulu insurance mal-grupp: 23 Ewro.**

**YTC – 227 Triq il-Merkanti – VALLETTA.**
**Tel. 21 233893, 99234500, 79302345 info@ytc.org.mt**